

# Manwel Dimech u l-Birgu



**Kitba ta'**
**Patri Dr. Mark Montebello OP**
*Ph.D., MSc., S.Th.B. & L.*

Ir-rabtiet ta' Manwel Dimech (1860-1921) mal-Birgu kienu qawwija u mżewqa. Fil-ktieb li jien xandart inqas minn sena ilu, **Dimech**, fost ħafna ħwejjeġ oħra nistħarreġ l-istorja soċjali u ekkleżjastika ta' pajjiżna, speċjalment fl-ewwel erbatax-il sena tas-seklu l-ieħor. F'din l-istorja, il-Birgu għandu sehem ewlieni.

## Il-Kottonera fi żmien Dimech

Il-Kottonera ta' żmien Dimech kienet differenti ħafna minn dik li hi llum. F'dak iż-żmien, jiġifieri madwar mitt sena ilu, il-Kottonera kienet iċ-ċentru tal-fasla ekonomika u politika ta' Malta. Il-belt ewlenija tal-Kottonera kienet l-Isla, bil-bliet tal-Birgu u ta' Bormla, imbagħad oħrajn bħal Ħaż-Żabbar u Raħal Ġdid, marbuta magħha.

Dettall essenzjali li jeħtieġ li ninnutaw huwa li l-Kottonera kienet "tħares" fid-direzzjoni opposta għal fejn tħares illum; u dan minħabba li l-entraturi għall-Kottonera nbidlu. Sa qabel l-aħħar gwerra dinjija kont tasal il-Kottonera bil-baħar mill-Belt; u għalhekk il-"faċċata" tal-Kottonera kienet fuq dik in-naħa. Imma minn wara l-gwerra lil hawn, biex tidħol il-Kottonera trid tidħol, mhux aktar min-naħa tal-baħar, imma mill-mini ta' Bormla jew ta' Santa Margerita jew minn Bieb is-Sultan. Għalhekk fejn qabel kien fuq wara tal-Kottonera issa ġie fuq quddiem.

Dan jolqot mill-qrib lit-Tlett Ibliet u l-psikoloġija soċjali marbuta mal-bidliet topografiċi. Għax fejn qabel l-Isla u l-Birgu kienu fuq il-quddiemijiet tal-Kottonera, u Bormla fuq wara, illum Bormla ġiet fuq quddiem, u l-Isla u l-Birgu ġew fuq wara. Barra minn hekk, fejn qabel Bormla kienet qisha l-parti interna tal-Kottonera, il-parti kważi għall-użu intern biss, illum ġiet il-parti esterjuri tagħha; u l-post minfejn bilfors trid tgħaddi biex tidħol il-Birgu jew l-Isla.

## Bidliet aktar profondi

Minkejja li bidliet topografiċi bħal dawn ħallew impatt qawwi fuq l-awtoperspettivi ta' l-abitanti, speċjalment fuq il-kumplessi tas-Sengleani u l-Vittorjosani, il-gwerra ġabet bidliet aktar profondi minnhom. Dan minħabba li l-qagħda politika tal-gżejjer Maltin mill-ħamsinijiet 'il quddiem ikkawżaw bidla enormi fil-fasla ekonomika tal-pajjiż.

Din il-bidla kellha influss qawwi fuq il-pożizzjoni tat-tarzna fl-istruttura ekonomika tagħna; u għalhekk anke fuq il-prijoritajiet ekonomiċi ta' pajjiżna u fuq il-ġerarkija ta' lokalitajiet marbuta

ma' dawk il-prijoritajiet. Sal-gwerra, infatti, it-tarzna kienet il-fus assolut ta' l-ekonomija Maltija, imma wara l-gwerra, minħabba l-Indipendenza u t-tisħiq fuq it-turiżmu bħala għajn ewlenija ta' introjtu nazzjonali, it-tarzna tilfet għal kollox din iċ-ċentralità, u għalhekk anke ir-relevanza tagħha fl-istruttura ekonomika tagħna. Illum it-tarzna donnha aktar titqies bħala piż milli bħala ass.

Dan ġab bidla drastika u drammatika fil-psikoloġika tan-nies tal-Kottonera, li minn dejjem kellhom rabta mill-qrib mat-tarzna. Għax fejn qabel il-gwerra, bis-saħħa tat-tarzna, il-Kottonera kienet qisha l-"bread winner" ta' Malta, bl-assoċjazzjonijiet kollha li ħaġa bħal din timplika, wara l-gwerra l-Kottonera sabet ruħha qisha ħuta barra mill-ilma. Huwa biss illum, man-nofs seklu wara l-gwerra, li l-Kottonera qiegħda terġa' bil-mod issib saqajha.

## Midħla tal-Kottonera

Id-dinja ta' Dimech kienet parti minn dik il-Kottonera kburija, ħawtiela, rispettata, ċentrali u essenzjali għall-ekonomija u ċ-ċiviltà tal-pajjiż ta' qabel il-gwerra fi żmien meta dawn il-kwalitajiet kollha kienu fl-aqwa tagħhom. L-Isla, b'mod partikulari, kienet ir-reġina tal-Kottonera. Qrib warajha kien hemm il-Birgu, imbagħad Bormla; u r-relazzjoni ta' Dimech ma' dawn l-ibliet kienet partikolarment importanti u sinifikanti għalih.



Dimech mhux biss kellu ħafna dixxipli konvinti u ddedikati minn dawn l-ibliet, partikolarment fost it-tarznari, imma wkoll ħafna għedewwa, speċjalment fost il-kleru rrispettat tal-kolleġġjati tagħhom. Lill-gvern kolonjali Britanniku, però, kien it-tbagħbis mal-leatà tal-ħaddiema tat-tarzna, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu mill-Kottonera, li kienet tinkwetah l-aktar. Fl-aħħar mill-aħħar, kienet din li wasslet biex jinħadem komplott biex jiddeportaw għal għomru lil Dimech minn art twelidu.

Ta' spiss Dimech kien ikun fl-inħawi tal-Kottonera. Kien midħla sew tal-Birgu, imma wkoll ta' postijiet fil-qrib, bħar-"Rest" ta' Bormla u anke x-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar. Meta fl-1914 ġie biex jikteb l-innu tax-xirka, kien lejn is-Surmast tal-Banda Prince of Wales Own, Mro. Paċifiku Scicluna, li Dimech dar għall-kompożizzjoni tal-mużika; u dan għamillu innu tassew sabiħ u xieraq. Fil-Birgu, Maestro Scicluna hu magħruf sew għall-*Inno a San Domenico* (magħruf bħala l-"innu l-kbir"), li jindaqq fil-festa ta' San Duminku.

## Il-Festi tal-Birgu

Għall-festi tal-patruni tal-Birgu, San Lawrenz u San Duminku, Dimech kien ikun dejjem preżenti. Għalkemm kien iħobbhom il-festi, kien jiddejjaq bil-pika li kienet teżisti bejn "tal-palma" u "ta' l-istilla". Din il-pika kienet tagħti lok għal ħafna esaġerazzjonijiet; u Dimech dawn ma kienx jaħmilhom. Darba minnhom, fl-1911, fil-gazzetta tiegħu, *Il Bandiera tal Maltin*, Dimech kiteb hekk:

> L-għarukażijiet li qegħdin isiru minħabba f'dawn il-vari huma kbar wisq. Hekk nhar il-Ġimgħa li għaddiet xi żgħażagħ bdew jgħajtu għal San Duminku: "Evviva l-awtur tad-dinja! Evviva l-patrun tad-dinja! Evviva l-protettur tad-dinja." Ieħor għajjat: "Evviva tal-baffi!" u ieħor: "Evviva s-surmast ta' l-arċidjakni ta' Ruma!" Ieħor qal waħda ħoxna: "Evviva t-tifel tal-Madonna!" Kien hemm ieħor li qabad iwerżaq donnu ndemonjat: "Evviva San Duminku tal-Belt, għax jiena mill-Belt!" Jiġifieri dan kien pront biex iqaxxar lil San Duminku tal-Birgu, bit-tama li jagħti pjaċir lil San Duminku tal-Belt, bħallikieku t-tnejn mhumiex wieħed!!! U xi ngħidu

għal dawk li, kif qalulna ċarrtu x-xbieha ta' San Lawrenz bit-tama – imġienen! – li jagħtu pjaċir lil San Duminku?

Xeni bħal dawn, u forsi inqas ħorox minnhom, ma konniex sajmin minnhom anke fi żmienna. Dimech, iżda, il-piki reliġjużi kien jarahom bħala għodda f'idejn min ried iħalli l-poplu fl-injuranza; u din l-għodda kien jaraha fl-aqwa tagħha proprju fil-Birgu. Darba minnhom fl-1913, għalhekk, Dimech kiteb artiklu liż-żgħażagħ dwar dan fil-gazzetta tiegħu fejn fost ħwejjeġ oħra, jgħidilhom hekk:

> 'Żgħażagħ ta' Malta kollha – barra minn tal-Birgu, li ma jridux jisimgħu –, iftħu għajnejkom sewwa, u araw għaliex qegħdin iġelldukom, għaliex qegħdin jimlewkom bil-mibegħda kontra xulxin.'

Il-pika, naturalment, ma kinetx bejn il-partiti tal-Birgu biss, imma anke bejn belt u oħra ġol-Kottonera stess. Darba oħra, infatti, fl-1904, Dimech kiteb li xi Vittoriosani riedu illi l-Birgu 'jissejjaħ "Omm l-Isla", għax hu kien qabilha'!

## Il-Birgu wara Dimech

Meta fl-1911 il-Knisja kienet skomunikatu, Dimech sab l-akbar appoġġ min-nies tal-Kottonera, anke fost in-nies tal-Birgu. Tant kien fiduċjuż f'dan l-appoġġ li, meta tħajjar jagħmel il-'meetings' ħalli jkellem lin-nies u jfissrilhom il-pożizzjoni tiegħu, l-ewwel 'meeting' tiegħu għażel li jagħmlu proprju l-Birgu. Hawnhekk kien hemm min laqgħu bi ħġaru, imma kien hemm ukoll min le. Wieħed mill-Birgu, infatti, sa qabbillu speċi ta' poeżija fil-gazzetta kattolika *Is Salib*, fejn fost ħwejjeġ oħra kitiblu hekk:

   Għalfejn qatt int ġejt iżżurna
F'dal-pajjiż hekkda sabiħ?
Fittex itlaq, warrab isa,
Mur għal xogħolok, fis ħallieh.
   Aħna biss lil San Pawl għandna
U 'l Lorenzu protetturi;
Bik, xbin, le ma rridux nafu
Għax inti mimli b'ħafna erruri.

Korrispondent ieħor ta' l-istess gazzetta, li kien iffirma "Wieħed mill-Birgu", talab lil San Lawrenz biex jagħti d-dawl lill-"għomja" tax-Xirka. Minkejja oppożizzjoni bħal din, iżda, sakemm ġie deportat minn Malta, mit-Tlett Ibliet, Dimech baqa' jsib ħafna nies li riedu jissieħbu fl-organizzazzjoni tiegħu, *Ix Xirca tal Imdaulin*. Fost dawn kien hemm anke nisa, li għal dak iż-żmien kien tassew eċċezzjonali. Imbagħad, wara li miet eżiljat fl-Eġittu, kien fil-Kottonera li t-tifkira ta' Dimech baqgħet tinżamm fl-ogħla għożża. Kien minn hawn ukoll li, wara snin ta' tnessija, permezz ta' Ġeraldu Azzopardi, reġgħet qamet it-tifkira ta' Dimech biex ma tmutx aktar.

## Il-bniedem universali

Ir-rabta ta' Dimech mal-Birgu u mal-bqija tal-Kottonera mhijiex żgħira. Fil-bijografija li jien ippubblikajt ftit ilu bl-isem ta' *Dimech*, infisser ħafna aħjar u fid-dettall din ir-rabta li hawnhekk stajt nagħti tagħha idea ħafifa biss. Hija rabta li, għall-ġrajja ta' Dimech u għall-figura nazzjonali

li mbagħad sar, hija importanti u essenzjali. Mingħajr il-Kottonera, Dimech ma kienx ikun dak li kien u dak li sar.

Iżda d-dinja ta' l-esperjenza ta' Dimech, naturalment, kienet akbar minn hekk. Kienet kemm kienet importanti u essenzjali għalih, Dimech ma kienx magħluq jew limitat għall-Kottonera biss. Mhux biss kienet akbar l-esperjenza tiegħu, imma wkoll il-viżjoni li kellu. Dimech ma kienx provinċjali. L-appell tiegħu jmur fil-fond tan-natura umana fl-universalità tagħha.

Dimech jappella lilek ukoll. Għax jippersonifikak meta int kien għad fadallek għexieren ta' snin biex tibda teżisti fiżikament. Dimech jippersonifika lil kull Malti u Għawdxi fil-bidu tat-triq tagħna għall-ħelsien u l-indipendenza ta' pajjiżna. Jippersonifika kull bniedem fid-dinja – tal-lum, tal-bieraħ u ta' għada – fix-xewqa tiegħu għal-libertà u għall-ġustizzja.


**Freddie's Salon**

*Open Monday to Saturday 8.00am till 1.00pm*
*Wednesday Half Day*

**6, Main Gate Street, Vittoriosa · Tel: 21 805681**

**Victor Balzan**

*Engraver on Metal & Glass*

254, Goscar
Cannon Road, Sta.Venera
Tel: 21 493299

**Rita tal-Ħaxix**

*fil-Pjazza tal-Birgu*

***Fejn issib kull xorta ta' frott u ħaxix frisk.***

Free Delivery
Tel: 21 803058